# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 42 – IT-TLIETA 13 TA' OTTUBRU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier (wasal fid-9pm) |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Skużat : | Antoine Vella | Viċi Sindku |

Kien hemm xi persuni jattendu f'ħinijiet varji.

### 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 41

1.1 Is-SE skużat ruħha għaliex minħabba l-ammont kbir ta' xogħol relatat mal-proġett tal-bosk, ma kellhiex ħin sabiex tifformula u tgħaddi l-minuti tal-aħħar laqgħa.

1.2 Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jiġu approvati waqt il-laqgħa li jmiss.

### 2. PUNTI MILL-MINUTI

2.1 Minħabba li l-minuti ma ġewx iċċirkolati u approvati, kien hemm qbil li dan il-punt għandu jinqabeż.

### 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku talab lill-Kunsill biex dan il-punt jiġi diskuss aktar tard meta jkun hemm il-Kunsilliera kollha. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

### 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li mal-lista ta' pagamenti kien hemm numru ta' claims li kienu se jiġu mgħoddija lill-Aġenzija tal-Pagamenti sabiex jitħallsu mill-fondi tal-UE.

4.2 Is-SE ġibdet l-attenzjoni wkoll għall-fatt li kienu nġabu numru ta' bowsers tal-ilma sabiex jissaqqew is-siġar il-ġodda tal-bosk u l-kont kien qed jiġi mehmuż.

4.3 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

5. **APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART (APRIL – ĠUNJU)**

5.1 Is-SE infurmat li l-Accountant kien infurmaha li reġa' kien marid u għaldaqstant preżentat kopja tar-rapport finanzjarju bejn April u Ġunju. Għalkemm is-SE tat xi dettalji, kien hemm qbil li l-Accountant għandu jattendi l-laqgħa li jmiss sabiex jagħti aktar dettall fuq iż-żewġ rapporti preżentati.

5.2 Il-Kunsill approva r-rapport.

6. **APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL KWART (LULJU - SETTEMBRU)**

6.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport u tat spjega ħafifa dwaru.

6.2 Ir-rapport ġie approvat.

7. **AĠĠUDIKAZZJONI TA' KWOTAZZJONI MTFLC/Q/13/2015 – *LAYING OF ELECTRICAL MAINS AND NECESSARY WIRING TO CONNECT CHRISTMAS DECORATIONS***

7.1 Il-Kunsill qabel li għandu jagħżel l-offerta ta' Clinton Debono li kienet l-aktar waħda vantaġġjuża.

7.2 Kien hemm qbil ukoll li s-SE u s-Sindku għandhom ikellmuh biex possibbilment jiġi ordnat xi xogħol extra ta' dekorazzjonijiet sakemm ma jinqabiżx il-baġit allokat ta' €3200.

8. **ESTENSJONI TAL-KWOTAZZJONI PUBBLIKA TAL-ASSIGURAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI**

8.1 Is-SE infurmat li l-kwotazzjoni pubblika tal-assigurazzjoni ma' Island Insurance Brokers kienet se tiskadi iżda din kienet inħarġet bil-kundizzjoni li l-Kunsill jista' jestendiha.

8.2 Il-Kunsill qabel li din għandha tiġġedded għal sena oħra.

8.3 Hawnhekk kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jipposponi din id-diskussjoni għal aktar tard.

9. **GĦELUQ TAL-PROĠETT U FTUĦ TAL-BOSK**

9.1 Is-Sindku informa li x-xogħlijiet issa kienu tlestew ħlief għal xi affarijiet żgħar u għaldaqstant il-proġett seta' jissejjaħ li huwa magħluq.

9.2 Minħabba l-fatt li l-Aġenzija għall-Pagamenti kienet approvat li jkun hemm estensjoni sabiex isir it-taħwil aktar tard, u dan ix-xogħol sar biss ġurnata qabel, huwa propona li jitħallew ftit tal-ġimgħat oħra sabiex is-siġar u l-arbuxxelli jilħqu jaqbdu sew u l-post jibda jħaddar xi ftit qabel ma jsir il-ftuħ. Huwa fakkar ukoll li fix-xahar ta' Novembru kien se jkun hemm żewġ avvenimenti kbar ġo Malta u għaldaqstant aktarx li l-ftuħ kien se jkollu jitmexxa għal Diċembru.

9.3 Is-SE infurmat li lejn l-aħħar tal-proġett kienu ġew miżjuda xi pjanti ġodda mal-ammont li diġà kien hemm fuq il-BOQ sabiex timtela ż-żona kollha u l-post jitħaddar aktar, ġiet ordnata sistema ta' irrigazzjoni ġdida sabiex tkun tista' ssir it-tisqija tas-siġar u l-arbuxxelli b'mod aktar regolari, tpoġġa aktar fencing sabiex jagħlaq l-aċċess

għall-parti ta' wara li kienet perikoluża u se jiġu ordnati tabelli biex juru li mhux se jkun hemm aċċess mill-fencing 'il ġewwa.

9.4 Il-Kunsill qabel max-xogħlijiet kollha ordnati.

9.5 Is-Sindku informa wkoll li wara diskussjoni mas-Sur Alfred E. Baldacchino, dan kien ħareġ bl-idea li jitħejja ktejjeb ta' informazzjoni edukattiva dwar il-flora li wieħed jista' jsib fil-bosk. Minħabba li kien tard wisq biex jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-UE, is-Sindku talab lill-Kunsill sabiex jikkunsidra li jħallas għal dan il-ktejjeb mill-fondi tiegħu sabiex possibbilment ikun jista' jiġi stampat u ċċirkulat waqt il-ftuħ innifsu kif ukoll lil min juri interess jitgħallem dwar il-flora Maltija.

9.5 Il-Kunsill qabel mal-idea tal-fuljett edukattiv u għaldaqstant kien hemm qbil li għandhom jiġu stampati madwar 1000 ktejjeb bl-Ingliż u 1000 oħra bil-Malti sakemm l-ordni tista' ssir taħt l-ammont ta' *direct order*. Dan għandu jinkludi wkoll ix-xogħol ta' riċerka, ġbid ta' ritratti u ssettjar tal-fuljett min-naħa tas-Sur Baldacchino.

9.6 Is-Sindku informa li wara diskussjoni mas-SE kien qed jiġi ssuġġerit li għandu jiżdied l-ammont tal-offerta tal-kustodju sa massimu ta' 20% sabiex oltre l-funzjonijiet li huma msemmija fuq il-kuntratt, huwa jibda jieħu ħsieb ukoll it-tisqija tas-siġar u arbuxxelli u jieħu ħsieb xogħlijiet ħfif fis-*soft area* tal-bosk sabiex ikun hemm biss persuna waħda li qed tieħu ħsieb il-bosk b'mod ħolistiku. Il-Kunsill qabel li din hija idea tajba għaliex hemm inqas riskju li jinħolqu problemi ta' kuntratturi diversi jaħdmu fuq żona waħda żgħira.

## 10. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

10.1 Is-SE infurmat li fil-preżent il-Kunsill għad m'għandux il-faċilità ta' internet banking (viewing only) għaliex waħda mill-internet keys kienet intilef fiż-żmien. Kien hemm qbil li għandha ssir talba mill-ġdid lill-bank sabiex is-Sindku u s-SE ikollhom aċċess biex jaraw il-bilanċ tal-kontijiet tal-Kunsill għal operat aħjar.

10.2 Is-SE fakkret li aktar tard il-Kunsill kien se jiltaqa' mar-residenti ta' Triq il-Fosos tal-Qamħ dwar il-problema tal-iskip fuq ġewwa tat-triq tagħhom. Hija infurmat ukoll li l-Kunsill kien irċieva lment simili mingħand resident fi Triq Tommy Agius Ferrante. Wara diskussjoni qasira kien hemm qbil li l-Kunsill għandu joffri li jew tinżamm l-iskip inkella ssir il-ġabra tal-boroż bieb bieb.

10.3 Is-SE infurmat li kienet ġiet ikkuntattjata minn 34U fejn dawn kienu sabu sponsor li kien lest li joffri 30 siġra taż-żebbuġ ġdida. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jordna l-konkos biex jiddawwru s-siġar bih. Dan għandu jiswa madwar €150. Is-SE infurmat li l-attività se ssir is-Sibt fis-2pm.

10.4 Is-SE infurmat li l-Ħamis kienu se jaslu s-siġar u arbuxxelli li ġew ordnati mingħand ELC sabiex jitħawlu fi Triq Gregorio Caraffa kif ukoll fil-pots skont id-deċiżjoni li diġà ttieħdet mill-Kunsill.

10.5 Hawnhekk is-SE uriet ukoll xi kwotazzjonijiet u disinni ta' pots ġodda biex jiġu ordnati għaż-żona tal-barracks. Il-Kunsill għażel li jordna 10 mingħand VieStone sabiex jinbidlu dawk qodma.

10.6 Għall-mistoqsija tas-Sindku, is-SE infurmat li l-Perit tal-Kunsill kien talab li għandu jsir *survey* ta' Pjazza Palma minħabba l-kwistjoni tal-parkeġġ. Kien hemm qbil li għandu jsir survey ta' din iż-żona biex eventwalment isir l-immarkar biż-żebgħa.

10.7 Għall-mistoqsija tas-Sindku dwar id-*doggie bins*, is-SE infurmat li dawn kienu ġew ordnati u li kellhom jaslu sal-aħħar tax-xahar. Hawnhekk saret lista tal-postijiet fejn għandhom jitwaħħlu dawn il-*bins.* Kopja tal-lista qegħda mehmuża.

10.8 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Mifsud. Il-ħin kien id-9pm. Fl-istess waqt skużat ruħha l-Kunsilliera Bugeja.

10.9 Kien hemm qbil li għandha titwaqqaf il-laqgħa temporanjament sabiex il-Kunsill jiltaqa' ma' numru ta' residenti dwar problemi differenti. Il-ħin kien it-8:30pm.

10.10 Il-laqgħa reġgħet bdiet fl-10pm.

10.11 Wara diskussjoni dwar il-kwistjoni tal-iskips, kien hemm qbil li għalissa għandu jibqa' kollox kif inhu sakemm tinstab soluzzjoni għall-problema tal-ħmieġ u allegatament abbużi. Min-naħa l-oħra se tintbagħat ittra lir-residenti ta' Triq il-Fosos tal-Qamħ sabiex jarmu fl-iskip u li dan għandu jkun biss skart domestiku. Se jintalbu wkoll sabiex jiġbru l-ħmieġ tal-klieb warajhom. Se ssir ukoll xi manutenzjoni żgħira fejn hemm bżonn.

10.12 Kien hemm qbil ukoll li s-SE għandha tivverifika dwar x'sistemi qed jużaw Kunsilli oħrajn fir-rigward tat-tpoġġija ta' CCTV's fil-lokalità.

## 11. L-ATTIVITÀ MILITARY MTARFA 2015

11.1 Is-Sindku informa li wara li saru ħafna kuntatti kien jidher li din is-sena kienet se tkun diffiċli li l-Kunsill jirnexxielu jorganizza l-attività fuq il-kobor tas-soltu għaliex kien hemm numru ta' parteċipanti li ma setgħux jieħdu sehem.

11.2 Kien hemm qbil għaldaqstant li din is-sena l-attività m'għandhiex issir organizzata u minflok jibdew il-preparamenti għall-attività bil-wisq akbar tas-sena d-dieħla.

## 13. AĠĠORNAMENT

13.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:20pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar it-Tnejn 9 ta' Novembru 2015 fis-7:30pm.

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

for **Daniel John Attard**
**Sindku**